**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 51** **14 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 14 ta'Settembru 2023, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Kearon Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**51.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 50**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 50, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 50 ġew approvati b'mod unanimu.

**51.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li Clean-up Day li kienet ppjanata għas-Sibt 16 ta' Settembru se tiġi posposta għall-aħħar weekend ta' Settembru. Dan minħabba l-fatt li nhar is-Sibt hemm l-attivitajiet relatati mal-Europride.

51.2.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-attivita' kulturali se ssir mar-Reġjun se tiġi posposta għal Novembru.

51.2.3 Is-Sindku nfurma li har il-Ħadd li ġej hemm il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Fit-8.30a.m. hemm il-Quddiesa u wara hemm il-Purċissjoni. Inħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu. Bħala Kunsill stampajna Santi bix-xbieha tal-Madonna, liema santi se jitqassmu waqt il-festa.

51.2.4 Is-Sindku nfurma se ssir żjara mill-Ministru Aaron Farrugia f'Ħal Luqa. Malli jkollna d-data konfermata ninfurmawkom b'email.

51.2.5 Is-Sindku John Schembri nfurma li bħalissa għaddejjin bl-evalwazzjoni tat-tender tal-AI Cameras, li għalih ħadna fondi mill-MDIA. Biex inkunu mija fil-mija ċerti li l-cameras li ppreżentaw il-bidders, se jsir rapport tekniku minn Electrical Engineer.

51.2.6 Is-Sindku John Schembri nfurma li fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali se jkun qed isir tħawwil ta' siġra kommemorattiva.

51.2.7 Il-Kunsillier Lucia Massa pproponiet li Ms Tamara Schembri tirrappreżenta lill-Kunsill Lokali fis-Seduta Parlamentari taż-żgħażagħ li se tinżamm fit-22 ta' Settembru.

Is-Sindku nfurma li skont il-programm ta' ċelebrazzjonijiet fl-14 t'Ottubru se tinżamm Open Day tal-Kunsilli Lokali.

50.3 **Mozzjonijiet**

**Mozzjoni mis-Sindku John Schembri**

Nipproponi li l-Kunsill jidħol fi ftehim ma' The Notebook Centre sabiex jingħata servizz relatat ma' ħsarat ta' computers, mingħajr ħlas lir-residenti Ħalluqin.

Dan il-ftehim se jiġi ffinanzjat mill-Kunsill għas-somma ta' € 5000.

Il-Kunsillier Andrew Cassar issekonda.

Ivvutaw l-erba' membri preżenti.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

50.4 **Ħwejjeġ Oħra**

50.4.1 Il-Kunsillier Frederick Aquilina rrimarka dwar l-iskart li tħalla wara l-Monti nhar it-Tnejn li għadda. Is-Sindku nfurma li l-iskart inġabar naqra tard, iżda dan ma jfissirx li ma nġabarx.

50.4.2 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li hemm wires tad-dawl imqaċċtin fi Triq l-Iskola. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nfurmat li se jkun qed jiġi mgħoddi rapport lill-Korporazzjoni Enemalta.

50.5 **Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 t'Ottubru 2023 fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ______________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |